**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 42/01***

***Pulizija***
***Spettur Josric Mifsud***
***v***
***Norman Cachia***

Illum 25 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess illegali tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis.**

Illi il-kumpless tad-drogi irrizulta li l-imputat twaqqaf mill-membri tal-forzi armati f'road block li kienet qed issir fl-imhawi ta' Selmun. Wiehed mis-suldati xehed illi huwa ra lill-imputat jarmi pakkett mill-karozza. Suldat iehor ma setax jikkonferma din it-tezi izda qal li kien ra id-droga fl-art.

L-imputat minn naha tieghu a tempo vergine cahad li huwa kellu x'jaqsam mal-pakkett in kwistjoni: u kien konsistenti f'din ic-cahda tul il-process kollu inkluza x-xhieda li huwa ta bil-gurament quddiem din il-qorti.

Il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz hemm konflitt dirett bejn il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u l-verzjoni tad-Difiza b'mod li origina dubbju ragjonevoli favur l-imputat.

Ghaldaqstant l-akkuza odjerna ma tistax treggi.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati skond l-akkuza u tilliberah minnha.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Masgistrat***